II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1474

tat-13 ta' Ottubru 2020

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tiegħu ta' applikazzjoni u deroga limitata fiż-żmien għal impriżi f'diffikultà biex iqisu l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012 ([2]), l-għajnuna taħt ċertu limitu mogħtija lill-impriżi għall-forniment ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali titqies li ma tissodisfax il-kriterji kollha tal-Artikolu 107 (1) tat-Trattat u hija, għalhekk, eżentata mill-ħtieġa ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 360/2012 se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020.

(3) Huwa meħtieġ li tiġi pprovduta prevedibbiltà u ċertezza legali, filwaqt li jiġi mħejji aġġornament possibbli fil-futur tar-Regolament (UE) Nru 360/2012, allinjat ma' aġġornament possibbli fil-futur tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 ([3]).

(4) Għalhekk, l-ewwel jenħtieġ li l-perjodu tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 360/2012 jiġi estiż. It-tieni nett, f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, ir-Regolament (UE) Nru 360/2012 u r-regoli l-oħra dwar is-SIEĠ stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 ([4]), fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ([5]) u fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku (2011) ([6]), sa fejn dawn japplikaw għas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali, jenħtieġ li jiġu evalwati. Il-Kummissjoni varat l-evalwazzjoni ta' dawn ir-regoli diġà f'Ġunju 2019. Jenħtieġ li l-estensjoni tar-Regolament (UE) Nru 360/2012 tippermetti lill-Kummissjoni biex tqis ir-riżultati tal-Kontroll tal-Idoneità li jkopri wkoll ir-Regolament (UE)

([1]) ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012 tal-25 ta' April 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis mogħtija lil intrapriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 114, 26.4.2012, p. 8).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku, C(2011) 9380, ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

([5]) ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4.

([6]) ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15.

Nru 1407/2013. Għalhekk id-durata tal-estensjoni tar-Regolament (UE) Nru 360/2012 jenħtieġ li tiġi allinjata mad-durata tal-estensjoni tar-Regolament (UE) Nru 1407/2013. Jenħtieġ li din l-estensjoni tippermetti lill-Kummissjoni biex ikollha stampa aktar sħiħa ta' kif l-elementi differenti taż-żewġ regolamenti jaħdmu flimkien. Jenħtieġ li l-estensjoni taż-żmien li tkun limitata fiż-żmien tikkontribwixxi biex tipprovdi ċertezza legali lill-impriżi fdati b'SIEĠ u m'għandhiex twassal għal żieda fil-piż amministrattiv minħabba li l-miżuri ta' kumpens li ma jaqbżux EUR 500 000 matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali mogħtija lil impriżi li jipprovdu SIEĠ, se jkomplu jitqiesu li mhumiex għajnuna mill-Istat.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-perjodu tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 360/2012 jiġi estiż bi tliet snin. sal-31 ta' Diċembru 2023.

(6) Fid-dawl tal-konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji li t-tifqigħa tal-COVID-19 għandha fuq l-impriżi u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-rispons ta' politika ġenerali adottat mill-Kummissjoni, speċjalment fil-perjodu 2020-2021, jenħtieġ li l-impriżi li saru impriżi f'diffikultà bħala konsegwenza tat-tifqigħa tal-COVID-19 jibqgħu eliġibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 360/2012 għal perjodu ta' żmien limitat.

(7) Jenħtieġ, għalhekk, li r-Regolament (UE) Nru 360/2012 jiġi emendat b'dan il-mod,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 360/2012 huwa emendat kif ġej:

(a) Fl-Artikolu 1 jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. B'deroga mill-punt (h) tal-paragrafu 2, dan ir-Regolament għandu japplika għal impriżi li ma kinux f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019 iżda saru impriżi f'diffikultà fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021."

(b) Fl-Artikolu 5, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2023."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN